**MINUTI LAQGĦA NUMRU 50**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 25 ta' Awwissu, 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis 25 ta' Awwissu, 2022, fl-16:42 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier

Armando Antonio Xerri - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

49.1.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak avżat minn qabel li ma tistax tattendi u għalhekk qiegħda titqies bħala skużata.

## 50.2 Qala International Folk Festival (QIFF) 2022

50.2.1 Is-Sindku ppreżenta abbozz tal-programm.

50.2.1.2 Il-Ġimgħa 16/09/2022 ser jibdew l-attivitajiet fit-8pm li fiha ser jiehdu sehem il-Menhir Qala Folk Grupp, u grupp mill- Irlanda. Wara ssir l-ikla tradizzjonali għan-nies. Waqt l-ikla tradizzjonali ser ikun hemm mużika u kant pprovduti minn Keith Anthony u Anneka Xerri.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

50.2.1.2 L-ikel ser ikun f'idejn l-għaqda taż-żgħażagħ tal-Parroċċa li pprovdew stima ta' €20 għal kull persuna, li jinkludi t-tqassim tal-ikel fuq l-imwejjed. Il-Kunsill qabel ma dan.

50.2.1.3 Għas-Sibt 17/09/2022, il-Konferenza li s-soltu ssir filgħodu din is-sena mhux se ssir. L-attivitajiet jibdew fis-7:40pm permezz tal-*backpipes* li ser ikunu qed idoqqu minn Pjazza Mikiel Buttigieg sa Pjazza San Ġużepp. Fit-8pm jibdew il-Menhir, il-Grupp Irlandiż, id-duo JoeMike, u Paul Curmi Dancers. Wara din l-attivita' jibdew l-*Upper Lip* fuq il-palk l-iehor.

50.2.1.4 Il-Ħadd 18/09 issir is-serata finali li tibda fit-8.30pm fuq iz-zuntier. Jieħdu sehem il-Menhir Qala Folk Group, il-grupp Irlandiż, Living dance group minn Malta, segwiti b'diskorsi tal-okkażjoni, prezentazzjonijiejt lill-gruppi parteċipanti u għeluq bil-kant tal-Innu Malti.

50.2.3 Is-Sindku qal li s-sound u dawl ġew ibbukjati. Żied li jkun tajjeb kieku jintrama dawl fi Triq 28 ta' April. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

50.2.4 Is-Sidndku qal li fuq iz-zuntier ser jiġi ppreparat palk tal-injam specjali għal grupp Irlandiz, liema xogħol ħa jkun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Il-palk li ser idoqqu minn fuqu l-Upper Lip irridu nahsbu għalih aħna minħabba li l-palkijiet kollha tal-Ministeru għal Għawdex ser ikunu kollha qed jintużaw dak inhar.

50.2.5 Il-Grupp Irlandiż ser ikunu joqgħodu fuq bażi *Bed and Breakfast* għand il-fondazzjoni Arka. Ha jaslu tard ħafna l-Ħamis filgħaxija u mhux ha jilħqu jigu għar-rehersal tal-Ħamis. Is-*soundcheck* tagħħom minħabba f'hekk ser isir il-Ġimgħa. Bħala Kunsill irridu naħsbulhom għal transport skond il-bżonn, u ħarġiet. Is-Sindku rrimarka kif it-temp tal-Irlanda hu differenti minn dak Malti, u ppropona li nippruvaw norganizzawlhom ħarġa Kemuna. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

50.2.6 Il-Grupp tal-armar ippreżenta żewġ stimi għal sitt (6) bandalori folkloristiċi; liema bandalori jibqgħu propjeta' tal-Kunsill. Jekk dawn il-bandalori jsiru fuq materjal *polyester* is-somma tqum għal €960, waqt li jekk immorru għal bandalori tas-suf l-ammont ikun ta' €1380. Il-kunsilliera qablu li mmorru għal materjal tas-suf.

50.2.7 Bħala *compare* ser jitqabbad is-Sur Josef Abela biss. Is-Sur Joseph Farrugia ġie avviċinat imma hu indispost f'dawn il-ġranet.

50.2.8 Is-Sindku semma li bħala *momento* il-Kunsill ser ikun qed jagħti luzzu żgħir.

50.2.9 Is-Sindku semma li importanti li joħorġu l-flyer u riklami llum. Is-CVC ser ikunu qed jipprepqraw feature qasir. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

50.2.10 Transport Malta ser ikunu qed jiġu avżati biex tal-linja ma jgħaddux mil-Pjazza u toroq affetwati matul il-ġranet u ħinijiet tal-attivitajiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

50.2.11 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg fakkar li fil-materjal tar-reklamar iridu jidhru l-logos tal-Ministeru għal Għawdex u l-Cultural Heritage Directorate. Barra minn hekk, draft ta' materjal promozzjonali irid jgħaddi lil Culture Fund għall-approval qabel il-publikazzjoni.

50.2.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li kellu okkażjoni jisma lill-grupp Upper Lip. Fl-opinjoni tiegħu għandom kwalita' tajba ħafna. Imma issuġġerixxa li joqgħodu attenti fuq l-għazla tal-muzika għal din is-serata.

50.2.8 Il-Kunsilliera qablu li jitqabbad is-Sur Daniel Eric Azzopardi iqassam flyers ir-Rabat.

50.2.9 Bħala reklamar fuq social media, il-Kunsilliera qablu li jkun hemm budget ta' €300. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed ifittex lil xi ħadd li jagħmel dan ix-xogħol u jgħaddi stima lil Kunsilliera.

50.2.10 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab kjarifika fuq kif ser titħallas l-ikla tal-Ġimgħa. Il-Kunsill qabel li jħallas għall-parteċipanti. In-nies li ser jattendu jistgħu jibbukjaw biex jieklu wkoll, u jħallsu €20 (*break even cost*).

## 50.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-17:01. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Settembru 2022 fl-4:30pm.

(IFFIRMAT)

Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMAT)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt